TRIBUNAL GHAT-TALBIET TAL-KONSUMATURI

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Mejju, 2023**

**Talba Nru: CCT2/23/DS**

**Ryan Grech**

**Vs**

**KSL Ltd. – Global Tech**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fl-4 ta' Jannar, 2023 fejn talab illi jingħata depozitu lura fl-ammont ta' erba mitt Ewro (€400) illi huwa kien ħallas ġaladarba qatt ma ngħata s-servizz u/jew il-prodott li ħallas id-depożitu għalieh.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ aktar minn darba la intavolat risposta u lanqas deher rappreżentant tagħha biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

## Ikkunsidra

Illi fl-1 ta' Ġunju, 2021 l-attur ra' reklam dwar pannelli solari mis-soċjeta' intimata, rranġaw on *site visit* u ftehmu dwar prezz. Il-prezz miftiehem kien dak ta' elfejn u tminn mitt Ewro (€2,800) wara illi titnaqqas il-*grant* dwar il-pannelli solari li toħrog mir-REWS (Regulator fro Energy and Water Services). L-attur ħallas administration fee, illi huwa stqarr illi fil-fatt kienet depositu ta' €400 fit-22 ta' Lulju, 2021.

Illi meta fil-fatt ħarġet il-grant l-attur induna illi kien eliġibbli biss għall-ammont ta' elfejn tlett mija u ħames Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€2,305.55) li kien ifisser diskrepanza ta' sitt mija u ħamsa u disgħin Ewro (€695) a żvantagg tal-attur.

L-attur prova jikkuntattja lis-soċjeta' attriċi għal disa' xhur sħaħ bl-ebda eżitu pożittiv imbgħad fit-22 ta' Ġunju, 2022 ikkorrisponda ma' ċertu Neil Azzopardi li għamel site visit mill-ġdid u offerta ġdida li kienet tinkludi t-twaħħil tal-pannelli f'Awwissu 2022 sabiex l-attur ma jitlifx l-iskema mnehdija mir-REWS li għalkemm skadiet fl-10 ta' Mejju, 2022 kienu qalulu li ġiet estiża sa Awwissu, 2022. Għalkemm is-soċjeta' attriċi ma qaltlux f'liema data f'Awwissu, 2022 kellhom jitweħħlu l-panneli dawn ma tweħħlu qatt u għaldaqstant l-attur proċeda quddiem dan it-Tribunal biex jieħu d-drittijiet tiegħu.

Illi l-attur jixtieq illi jiġi rifuż l-ammont ta' erba' mitt Ewro (€400) *administration fee* illi huwa ħallas għaliex is-serviżż u l-prodott baqa' ma ħadux.

Illi s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu w'għaldaqstant il-verżjoni tal-attur m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tal-attur hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi din l-imsemmija *administration fee* / depożitu ġie mħallas mill-attur għalkemm il-pannelli solari illi għalihom tħallset l-imsemmija *administration fee*/ depożitu qatt ma ġew installati.

Illi t-Tribunal jinnota l-atteġġjament xejn professjonali tas-soċjeta' attriċi fil-konfront tal-klijent tagħha, illi wara illi għamlet kalkoli żbaljati dwar il-*grants* tar-REWS għamlet ukoll wiegħdiet fiergħa dwar l-installazzjoni tal-prodott tagħha għal darba, darbtejn u baqgħed inadempjenti sall-lum.

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi l-attur prova kemm -il darba jikkuntattja lis-soċjeta' attriċi illi bdiet tinjorah, u wara illi kien xorta lest illi jixtri l-prodott wara xhur sħaħ ta' stennija għal xejn, reġgħet bdiet tinjorah u tellfitu l-benefiċċju tal-grant. Huwa kellu jirrikorri quddiem dan it-Tribunal pero' fl-aħħar mill-aħħar is-soċjeta' intimata lanqas biss irrispondiet għat-talbiet attriċi u lanqas attendiet għas-seduti b'diżrispett totali lejn il-klijent tagħha kif ukoll lejn dan it-Tribunal. Dan l-aġir ikkawża inkonvenjent ċar lill-atturi kif ukoll it-telf tal-*grant* illi jkun inġust illi jgħaddi inosservat.

Illi l-attur qiegħed jitlob rifużjoni ta' l-erba' mitt Ewro (€400) administration fee / depożitu illi ħallas lis-soċjeta' attriiċi.

## Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova l-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u

għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tirrifondi s-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) *f'administration fee*/ depożitu lill-attur kif ukoll tikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' mitejn Ewro (€200) lill-istess attur bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatlu kif ukoll għaliex minħabba fl-aġir xejn professjonali tagħhom l-attur tilef il-grant illi kien hemm abbinata mal-installazjoni tal-pannelli solari mir-REWS, *grant* illi mhux ser jerggħa jkun jista' japplika għaliha jekk jixtri l-imsemmija pannelli fil-futur.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.



**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888